**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Gunju 2022**

**Rik. Gur. Nru. : 35/2020 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**MS**

**Vs**

**U b'digriet tas-6 ta' Jannar 2020 Dr Noel Bartolo u PL Hilda Ellul Mercer gew mahtura bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill NM u b'digriet tas-16 ta' Gunju 2021 Dr Noel Bartolo gie sostitwit b'Dr Simon Micallef Stafrace.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MS datat 11 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta, Malta, hekk kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg bin-numru progressiv 59/2003 hawn anness u mmarkat bhala Dok. MDS01;*

*Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;*

*Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi referibilment l-abbandun tal-intimat li gimgha biss wara li l-partijiet izzewgu, telaq mid-dar matrimonjali u sussegwentement telaq ukoll mill-pajjiz u dan minghajr ebda raguni valida skont il-ligi u b'jekk jikkostitwixxi abbandun ta' zwieg skont l-artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom ferm aktar minn hmistax-il sena (15) ma jghixu flimkien, illum l-attrici ghandha hajja totalment separata minn mill-intimat;*

*Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin ghal aktar minn hmistax-il sena (15);*

*Illi l-attrici tiddikjara illi la taf fejn qieghed l-intimat u anqas jekk hux haj jew mejjet;*

*Illi f'dan il-kaz, m'hemm l-ebda pretensjoni ghal manteniment fil-konfront ta' xulxin u dan stante li l-attrici tahdem u miz-zwieg bejn il-partijiet ma kienx hemm tfal;*

*Illi l-attrici qieghda titlob sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement jigi ddikjarat il-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u inoltre sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddisponi mutatis mutandis ai termini tal-Artikolu 66D(3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mit-talbiet imressqa mill-attrici, liema talbiet huma ai termini tas-Sub Titolu lll tat-Titolu l tal-Ewwel ktieb tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mahsuba illi jistghu isiru f'kawza ta' separazzjoni personali u jinghataw id-disposizzjonijiet sussegwenti necessarji u ancillari;*

*Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti di xjenza propria;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment u reverentament titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1) *Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali minhabba ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi;*

2) *Tapplika kontra l-intimat l-effetti u l-penalitajiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3) *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentament tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4) *Tiddikjara illi l-intimat ddekada mill-fakulta li jitlob u/jew jircievi xi forma ta' manteniment u dan ghar-ragunijiet fuq premessi;*

5) *Tillikwida u xxolji l-kommunjoni tal-akkwisti u kwalunkwe proprjeta' komuni ohra ezistenti bejn il-partijiet occorendo bl-opera ta' periti nominandi;*

6) *Taqsam, tiddividi u tassenja l-proprjeta komuni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti f'porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet occorendo bl-opera ta' periti nominandi;*

7) *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex entro t-terminu ffissat mill-istess Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll li jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat taz-zwieg;*

*Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-intimata minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuratur Deputat, Dr Noel Bartolo, datata 29 ta' Mejju 2020, a fol 13 li taqra hekk:

1. *Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-*

*intimat minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta' kommunikazzjoni mal-intimat, u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, oltre dik diga provduta fir-rikors guramentat.*

2. *Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet taghha datat 14 ta' Ottubru 2020, ghall-awtorizzazzjoni ghad-divorzju ai termini tar-Regolament 4 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 u n-nota ai termini ta' Art 66G (2)(a) tal-Kap 16;

Rat il-verbal tad-9 ta' Mejju 2022 li permezz tieghu l-avukati difensuri tal-partijiet, infurmaw ill-Qorti li ma ghandhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 51);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

**MS, fl-affidvait taghha (vide Dok MDS02, fol 4) xehdet** illi hija zzewget lill-intimat nhar l-10 ta' Jannar 2003 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Iddikjarat illi wara gimgha zwieg, l-intimat telaq mid-dar fejn kienu jirrisjedu u telaq ghal kollox minn Malta minghajr raguni u minghajr ma halla ebda forma ta' mezz ta' kommunikazzjoni. Sostniet illi rigward manteniment ma hemm xejn dovut jew pendenti stante li hija ghandha impjieg fiss u ma kienx hemm ulied minn dan iz-zwieg. Iddikjarat illi ma ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzoni u dan peress illi ilhom ghal aktar minn **hmistax-il sena** mifrudin u minghajr kuntatt. Ghalhekk llum-il gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

**L-attrici xehdet viva voce nhar l-14 ta' Ottubru 2020 (vide fol 16)** illi hija ma kienitx taf fejn jinsab l-intimat u illi mobile number tal-intimat ghalkemm icempel, ma jwiegbu hadd. Xehdet illi lanqas ma kellha kommunikazzjoni mieghu fuq facebook u lanqas indirizz tieghu ma kellha. Sostniet illi ilu ma jkollha kuntatt mal-intimat ghal madwar tmintax il-sena.

**Fl-affidavit ulterjuri taghha, ppresentat nhar il-11 ta' Novembru 2020 (vide Dok A01, fol 20), l-attrici xehdet** illi nhar l-10 ta' Jannar 2003 hija zzewget lill intimat NM, Nazzonjonalita E bin-numru tal-passaport E X u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Dan kien zwieg civili u mhux religjuz. Wara li stenniet ghal tlett snin shah li jirritorna Malta zewgha, ddecidiet illi tibda tghix hajjitha u li llum il-gurnata tinsab f'relazzjoni stabbli ma terza persuna li flimkien ghandhom familja bi tlett itfal. Xehdet illi hi u l-intimat ma kellhom ebda proprjeta immobbli mixtrija flimkien u lanqas flejjes bankarji jew investimenti ohra. Di piu', qatt ma kellha vettura jew xi mobbli mixtriji f'komunjoni mal-intimat. Inoltre, l-atttrici xehdet illi hi kienet soffriet danni relatati ma kontijiet tat-taxxa li l-istess intimat qatt ma kien hallas u minhabba li kienu mizzewwgin, id-Dipartiment tat-Taxxa beda jigri warajha bhal martu sabiex taghmel tajjeb ghal tali hlas. Ikkonfermat illi manteniment qatt ma kien hemm fil-konfront ta' xulxin stante li hi ghandha impjieg fiss u tfal minn dan iz-zwieg ma kienx hemm. Sostniet illi ma hemm ebda tama ta rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li llum ilhom ghal hmistax il-sena mifrudin u lanqas biss ghandha kuntatt mal-intimat u li l-attrici ghandha familja bi tlett itfal ma terza persuna.

**Mix-xhieda ulterjuri taghha nhar l-14 ta' Jannar 2021 (vide fol 25) u dik tat-3 ta' Frar 2021** xehdet u kkonfermat x-xhieda precedenti taghha u ziedet illi kienet inghatat informazzjoni li l-intimat setgha kien qieghed jirrisjedi Santa Venera. Ghaldaqstant, hi kienet marret tfittxu u habbtet il-bieb izda dan kien ghalxejn ukoll u minn hemm hekk qatghet qalbha li terga tarah. Di piu', xehdet illi l-ahhar indirizz li kellha tal-intimat kien dak ta' numru 6, Triq il-Papa B'Bugia.

**L-Ispettur Hubert Gerada, stazzjonat l-Immigration, nhar it-3 ta' Frar 2021 xehed a fol 34 et seqq.,** ikkonferma illi l-intimat, minn stharrig li ghamlu l-Pulizija, hareg minn Malta nhar it-12 ta' Dicembru 2004; rega' dahal Malta nhar l-10 ta' Jannar 2005; rega dahal Malta nhar id-9 ta' Ottubru 2008 u hareg minn Malta nhar l-4 ta' Awissu 2011. Huwa informa lill-Qorti li ma kellhom ebda informazzjoni ohra mid-data tal-4 ta' Awwissu 2011 'l hawn.

**Kimberly Cortis, xehdet nhar is-16 ta' Gunju 2021**, illi tahdem bhala Reporting Officer ma Identity Malta u li r-records taghhom ma taw ebda informazzjoni dwar l-intimat.

**Il-Kuratur Dr Simon Micallef Stafrace**, a fol 47 u 48 esebixxa ittra mibghuta lill-intimat fl-ahhar indirizz maghruf tieghu u fit-28 ta' Frar 2022. Dr Micallef Stafrace informa lill-Qorti li ma ha ebda kommunikazzjoni mil-intimat u ghaldaqstant ma kellux aktar provi x'jipproduci.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija talba ghal sentenza ta' separazzjoni personali, xoljiment u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u talba ghad-divorzju u dana in segwitu tar-rikors guramentat intavolat mir-rikorrenti li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba abbandun.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentjen jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-abbandun ipperdura ghal sentejn jew izjed, u li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba. Fil-*kawza* **Andrea Avellino vs. Regina Avellino**[1], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[2] fejn il-Qorti sostniet illi:

---

[1] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi jirrizulta illi l-attrici zzewget lill-intimat NM fl-10 ta' Jannar 2003, 59/2003 (vide fol 5 tal-process) u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta illi l-partijiet ghexu fid-dar ta' omm l-attrici ghal perjodu qasir hafna x'aktarx ftit aktar minn gimgha u illi sussegwentement l-intimat telaq mid-dar u l-attrici irrealizzat tard wisq li kien telaq addirittura minn Malta u minn hajjitha, minghajr ma halla mezz ta' kommunikazzjoni u minghajr ma tgharrafha ir-raguni il-ghaliex.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi wara ezami akkurat tal-provi prodotti, il-Qorti tqis illi l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Din il-Qorti rat illi f'inqas minn xahar miz-zwieg, l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali minghajr raguni u taghrif.

Illi mill-atti processwali u l-provi prodotti, il-Qorti tqis li ma rrizultat l-ebda raguni valida li tiggustifika l-abbandun kommess mill-intimat liema abbandun ipperdura ferm aktar minn sentejn. Ghalhekk, wara li ezaminat il-provi kollha, il-Qorti tqis illi jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-intimat abbanduna id-dar matrimonjali minghajr raguni tajba u ghal terminu taz-zmien rikjest mil-ligi, u ghalhekk huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-***

> ***ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jigu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-ohra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti ghandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodici, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa hati ta' abbandun u ghaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni ghajr li tapplika fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Il-Qorti rat illi l-attrici ghamlet talba ghas-separazzjoni personali u ghax-xoljiment u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Mill-provi prodotti mill-attrici jirrizulta illi ma inxtrat ebda proprjeta immobbli miz-zewg kontendenti fiz-zwieg, lanqas ma jirrizulta l-ezistenza ta' *joint bank accounts* jew vetturi f'isem iz-zewg partijiet. Lanqas ma jirrizulta illi l-partijiet xtraw xi ghamara ghad-dar stante illi fix-xahar li l-partijiet kienu fiz-zwieg, il-kontendenti kienu jghixu fid-dar ta' omm l-attrici.

Ghaldaqstant, il-Qorti waqt illi tippronunzja x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, tqis illi li fil-kas odjern ma hemm ebda assi li ghandhom jigu divizi bejn il-kontendenti.

**Ikkonsidrat:**

L-attrici, fit-tielet talba taghha talbet lill-Qorti sabiex tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti.

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu***

***infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-10 ta' Jannar 2003 liema zwieg jgib certifikat numru 59/2003 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi mill-provi prodotti mill-attrici jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu b'mod separat ghall ahhar ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena meta ftit aktar minn gimgha zwieg, l-intimat abbanduna lil martu u telaq minn Malta. Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment stante li  ma twieldux ulied.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet gialadarba l-attrici ghandha relazzjoni ma terza persuna li minnha ghandha tfal.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1) **Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba l-abbandun kommess mill-intimat;**

2) **Tapplika kontra l-intimat l-effetti u l-penalitajiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 48 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3) **Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 59/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

4) **Tiddikjara illi l-intimat ddekada mill-fakulta li jitlob u/jew jircievi xi forma ta'**

**manteniment u dan ghar-ragunijiet fuq premessi;**

5) **Tillikwida u xxolji l-kommunjoni tal-akkwisti u tordna illi kwalunkwe proprjeta' jew assi mobbli inkluz kwalunkwe vettura, investiment jew kont bankarju f'isem il-kontendenti ghandu jappartjeni lill-persuna li f'isimha huwa ntestat;**

6) **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li hija inkluza fil-hames decide;**

7) **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba stante li hija inkluza fit-tielet decide;**

**Spejjez kontra l-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli.**
**Deputat Registratur**